ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 26/2012**
***Kienet addottata Aġenda nru. 23/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 28 ta' Frar 2012**

**Ħin: Fis-2.30 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Il-Kav. Carmelo Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Id-Deputat Chairperson is-Sur Emanuel Debono u l-membru s-Sur Victor Refalo kienu skużati.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI</u>

Billi l-minuti tas-seduti b' nru. 24/2012 u 25/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Stima tal-Perit Scerri fir-rigward tal-kisi bil-konkos tal-parti ta' ġewwa ta' Triq Daħlet il-Merżuq (stima ta' €34,191).

Ittra mibgħuta minn resident ta' Triq Għar Qawqla dwar xogħol li sar fi Triq Għar Qawqla. Iċ-Chairperson qalet ix-xogħol fi Triq Għar Qawqla ma sarx mill-Kumitat u allura l-Kumitat mhux responsabbli tax-xogħol li sar.

Ittra ta' Paul Cassar fejn issuġġerixxa li terġa' titwaħħal bozza ma' 78/79 fi Triq Santa Marija, Triq Santa Marija mill-kantuniera ta' Triq tax-Xtut il-fuq lejn il-*promenade i*ssir *two-way* u jitneħħa l-*parking* ta' quddiem il-bini u tiddawwal Triq il-Qbajjar fejn m' hemmx bini.
Is-Sindku qal Triq Santa Marija issa ser ikollha sistema ġdida ta' dwal. Dwar is-suġġeriment li tiddawwal Triq il-Qbajjar, is-Segretarja Eżekuttiva qalet dan is-suġġeriment kien mgħoddi lill-Ministeru għal Għawdex. Is-suġġeriment li Triq Santa Marija ssir *two-way*, ma kienx aċċettat mill-Kumitat.

Memo 9/2012 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-twaħħil ta' tabelli li jwissu li ma jistax isir tipjip fiz-zoni fejn hemm xi logħob għall-użu ta' tfal.
Il-Kumitat iddeċieda tal-*promenade* tal-Qbajjar ma ssirx għalissa qabel il-Kumitat ikollu l-kuntrattur tiegħu tat-tabelli.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv** |
|---|---|
| Fondazzjoni OASI<br>L-attivita' Riflessi Sajfin nhar il-11 ta' Awwissu 2012 fil-Menqa ta' Marsalforn (mill-10 sat-12 ta' Awwissu) | Approvata. |
| Josanne Pace<br>Applikazzjonijiet għal meter tad-dawl temporanju għal *hawker* mill-21 ta' Ġunju sat-23 ta' Settembru 2012. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

## 6. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat approva x-xiri ta' erba' *hand dryers* u erba' tubijiet għall-latrini ta' Marsalforn (ser jinxtraw mingħand Dominic Department Stores; *hand dryers* €80 il-waħda u t-tubijiet €24 il-wieħed).

Stima ta' Anthony Borg biex jinżabru s-siġar ta' fuq is-sies barra r-*railings* fil-*promenade* tal-Qbajjar. Ġie deċiż li ssir *site visit* qabel il-Kumitat jiddeċiedi dwar l-istima ta' Borg.

Is-Sur Sacco ppropona:

- titwaħħal tabella bl-isem tat-triq fi Triq it-Torn, triq li tinsab fil-limiti ta' Triq il-Qbajjar.
- jitwaħħal apparat simili għal tal-ajruport biex juri r-riħ għas-sajjieda u d-dilettanti tal-baħar.
- jitranġa l-passaġġ li jagħti għal fuq l-għolja fejn hemm ix-xbieha tas-Salvatur.

Is-Sur Sacco staqsa:

- min qed jagħmel il-*patching* tat-toroq, min ordna x-xogħol u kemm ser jiswa? Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet ix-xogħol mhux qed isir mill-Kunsill.
- meta ser jinbeda l-proġett tal-*promenade* ta' Marsalforn u tal-Menqa? Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet kienet intbagħtet ittra lill-Ministeru għal Għawdex pero' din qatt ma kienet imwieġba.

## 7. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fl-4.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die*.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***